

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta’ tagħmir tar-radju”**

COM(2012) 584 final — 2012/0283 (COD)

(2013/C 133/11)

Relatur: **is-Sur HERNÁNDEZ BATALER**

Nhar il-25 ta’ Ottubru 2012 u nhar il-5 ta’ Novembru 2012, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikoli 26 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta’ tagħmir tar-radju*

COM(2012) 584 final – 2012/0283 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar il-5 ta’ Frar 2013.

Matul l-487 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-13 u l-14 ta’ Frar 2013 (seduta tat-13 ta’ Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’74 vot favur, l-ebda (0) vot kontra u astensjoni waħda (1).

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni fejn tiffaċilita s-sistema legali u tiċċara l-istandards eżistenti, waqt li ttejjeb il-koerenza tal-liġi tal-Unjoni, fil-kuntest tat-tqegħid fis-suq tal-merkanzija.

1.2 Għandu jiġi nnotat li l-operaturi ekonomiċi kollha għandhom ikunu responsabbli għall-konformità tal-prodotti, skont ir-rwol rispettiv tagħhom fil-katina tal-provvista, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta’ protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-konsumaturi. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, fl-ambitu tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, jiggarrantixxu li l-prodotti li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jirrispettaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva.

1.3 Fir-rigward tar-regoli dwar il-penalitajiet, il-KESE jappella lill-Kummissjoni sabiex in-natura tal-penalitajiet, il-livell minimu tagħhom u t-tip ta’ mġiba li tiġi penalizzata jiġu ppreċizzati aktar fil-livell sovrannazzjonali, minkeja li dawn huma previsti fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri. Għal dan il-għan, il-Kumitat qiegħed jistenna b’interess li l-Kummissjoni tapprova l-hekk imsejjaħ “pakkett ta’ sorveljanza tas-suq” li jinkludi dettalji biex jiżdedu l-kooperazzjoni u l-armonizzazzjoni.

1.4 Il-Kummissjoni, il-produtturi u l-konsumaturi għandhom jikkunsidraw il-possibbiltà li fil-ġejjieni tinholq sistema ġdida għall-immarkar li tiddetermina l-orijini tal-prodotti u tiggarrantixxi t-traċċabbiltà tagħhom, sabiex il-konsumaturi jkunu infurmati aħjar.

## 2. Daħla

2.1 Il-qafas legali attwali, li ilu jeżisti mill-1999 <sup>(1)</sup>, biex fil-livell tal-UE jitqiegħdu fis-suq, jiċċirkolaw b’mod ħieles u

jitqiegħdu fis-servizz tagħmir tar-radju u tagħmir terminali għat-telekomunikazzjoni, kien fundamentali biex jinkiseb suq intern f’dan il-qasam.

2.2 Il-KESE kien diġà stqarr <sup>(2)</sup> li kien favorevoli għal din id-Direttiva li kienet tinkludi rekwiżiti essenzjali għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà, għall-iżgurar tal-kompatibilità elettromanjetika u għall-evitar tal-interferenzi dannużi. Din segwiet l-hekk imsejjaħ “approċċ ġdid” għal-leġislazzjoni fis-sens li stabbilixxiet rekwiżiti tekniċi bħala standards armonizzati mhux obbligatorji, u llimitat ir-rekwiżiti legiſlattivi għal dawk li kienu essenzjali <sup>(3)</sup>.

2.2.1 Il-qafas legali attwali huwa kumpless minħabba li, taħt id-Direttiva 1999/5/KE, huwa biss it-tagħmir li jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva li jista’ jitqiegħed fis-suq. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma jistgħux jintroduċu aktar restrizzjonijiet li jindirizzaw l-istess rekwiżiti fil-livell nazzjonali, jiġifieri rigward il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà, il-garanzija tal-kompatibilità elettromanjetika u l-evitar tal-interferenzi dannużi.

2.2.2 Legiſlazzjoni oħra tal-UE, dik dwar l-aspetti ambjentali, tapplika wkoll għal dawn il-prodotti, b’mod partikolari d-Direttivi dwar is-sustanzi perikolużi, dwar l-iskart elettriku u eletttroniku, dwar il-batteriji, kif ukoll il-miżuri ta’ implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-ekodisinn.

2.2.3 Fl-istess ħin, it-tqegħid fis-servizz u l-użu tat-tagħmir tar-radju huma soġġetti għar-regolamentazzjoni nazzjonali. Huma u jeżerċitaw din il-kompetenza, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mal-legiſlazzjoni tal-UE, partikolarment:

— il-qafas ġenerali għall-politika tal-ispettru stipulat fil-Programm tal-Politika tal-Ispekttru tar-Radju;

<sup>(1)</sup> ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10.

<sup>(2)</sup> ĠU C 73, 9.3.1998, p. 10 (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(3)</sup> Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/683/KEE (ĠU L 380 de 31.12.1990, p. 13 (mhux disponibbli bil-Malti)) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE (ĠU L 220, 30.8.1993, p. 23), li llum tħassru.

- il-kriterji ġenerali stipulati fid-Direttiva “qafas” dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi;
- il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-ispettru stipulati fid-Direttiva dwar l-awtorizzazzjoni għall-komunikazzjonijiet elettroniċi;
- il-miżuri ta’ implimentazzjoni tad-Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju li jarmonizzaw il-kundizzjonijiet tekniċi għall-użu ta’ ċerti meded tal-ispettru fl-UE, u li huma vinkolanti fl-Istati Membri kollha tal-UE.

2.3 Ma’ dan kollu jrid jiżjed ir-rekwiżit li jkun hemm konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-UE, speċjalment mal-qafas leġislativ il-ġdid għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti, adottat fl-2008<sup>(4)</sup> u li kien appoġġjat mill-KESE<sup>(5)</sup>, minħabba li l-għan u l-użu tiegħu kienu li jstabbilixxi:

- qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti; u
- prinċipji ġenerali u dispożizzjonijiet ta’ referenza bil-għan li jiġu applikati fil-leġislażzjoni kollha li tarmonizza l-kundizzjonijiet ta’ kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti, sabiex tiġi stabbilita bażi koerenti għar-reviżjonijiet jew ir-riformulazzjonijiet ta’ dik id-Deċiżjoni.

2.4 Sabiex tindirizza dan il-qafas legali kumpless, il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta li għandha l-għan li tiċċara l-applikazzjoni tad-Direttiva 1999/5/KE, u tissostitwixxiha sabiex tneħħi l-piżijiet amministrattivi bla bżonn għan-negozji u l-amministrazzjonijiet billi żżid il-flessibilità tal-ispettru u tiffaċilita l-proċeduri amministrattivi għall-użu tal-ispettru.

### 3. Il-proposta tal-Kummissjoni

L-iżjed elementi sinifikanti tal-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva huma dawn li ġejjin:

3.1 L-armonizzazzjoni mad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti (inklużi d-definizzjonijiet tal-kapitolu R1 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE; l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi; it-tliet moduli għall-valutazzjoni tal-konformità; l-obbligi għan-notifika tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità; u l-proċeduri ssemplifikati ta’ salvagwardja).

3.2 Din id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE kienet ġiet adottata flimkien mar-Regolament (KE) 765/2008 (dwar l-akkreditament u s-sorveljanza tas-suq). Flimkien stabbilixxew kriterji għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern billi ġie introdott approċċ iżjed koerenti tal-politika ta’ armonizzazzjoni teknika fil-qasam tas-sigurtà tal-prodotti, kif ukoll sistema ta’ sorveljanza iżjed effikaċi għall-merkanzija kollha introdotta fis-suq li tkun ġejja mill-UE

jew minn pajjiżi terzi. Huma saħħew ukoll il-protezzjoni tal-konsumatur fi ħdan is-suq uniku.

3.3 Ġiet stabbilita definizzjoni ġdida ta’ “tagħmir tar-radju” li tinkludi biss it-tagħmir kollu li intenzjonalment jittrażmetti sinjali li jużaw l-ispettru tar-radju, kemm jekk bl-iskop li ssir komunikazzjoni u kemm jekk le, u għaldaqstant it-titlu l-ġdid ser ikun “Direttiva dwar it-tqegħid fis-suq ta’ tagħmir tar-radju”. Din id-Direttiva ma tapplikax għat-tagħmir terminali tal-linja fissa.

3.4 Permezz tal-proposta ser ikun possibbli:

- li jkun hemm rekwiżit li jkun hemm interoperabilità bejn it-tagħmir tar-radju u aċċessorji bħaċ-ċarġers;
- li jkun hemm rekwiżit biex it-tagħmir tar-radju definit mis-softwer jiżgura li l-kombinazzjonijiet konformi biss tas-softwer u l-hardwer jiġu flimkien. Għaldaqstant, il-proposta tagħmilha possibbli li jiġu adottati miżuri biex jiġi evitat li dan ir-rekwiżit regolatorju joħloq ostakli għall-kompetizzjoni fis-suq għal softwer ta’ partijiet terzi.

3.5 Hija tintroduċi l-possibilità li jkun hemm rekwiżit għar-reġistrazzjoni f’sistema ċentrali tal-prodotti f’kategoriji li juru livelli baxxi ta’ konformità, fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar il-konformità pprovduta mill-Istati Membri.

3.6 Il-proposta tiċċara r-relazzjoni bejn id-Direttiva 1999/5/KE u l-leġislażzjoni nazzjonali u tal-UE dwar l-użu tal-ispettru tar-radju.

3.7 Hija tissemplifika u tnaqqas l-obbligi amministrattivi li ġejjin:

- a) id-definizzjoni l-ġdida tat-tagħmir tar-radju tistabbilixxi demarkazzjoni ċara tal-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kompatibilità elettromanjetika;
- b) ir-riċevituri puri u t-terminali tal-linja fissa ma jibqgħux jaqgħu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva, iżda minflok jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kompatibilità elettromanjetika jew f’dak tad-Direttiva dwar it-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-vultaġġ. Inkella, abbażi tal-vultaġġ tagħhom, jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kompatibilità elettromanjetika u d-Direttiva dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti; dan iwassal għal xi tnaqqis tal-obbligi amministrattivi;
- c) tneħħa r-rekwiżit li jiġi nnotifikat it-tqegħid fis-suq ta’ tagħmir li juża meded tal-frekwenza li mhumiex armonizzati mal-UE kollha;

<sup>(4)</sup> ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30 u 82.

<sup>(5)</sup> ĠU C 120, 16.5.2008, p. 1.

d) tneħħew l-obbligi għall-produtturi li:

— iwaħħlu identifikatur tal-klassi tat-tagħmir fuq il-prodott;

— iwaħħlu l-marka CE fuq l-istruzzjonijiet tal-użu;

e) tneħħew mit-test tad-Direttiva r-rekwiżiti li jappoġġjaw il-kompetizzjoni fis-suq għat-terminali (b'rabta mal-ispeċifikazzjonijiet tal-interfaċċja u r-raġunijiet tekniċi għaliex tagħmir terminali għat-telekomunikazzjoni jiġi konness mal-interfaċċji) peress li hemm rekwiżiti simili fis-seħħ taħt id-Direttiva dwar il-kompetizzjoni fis-swieq ta' tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjonijiet.

3.8 Fl-aħħarnett, il-Proposta għal Direttiva timmira għall-armonizzazzjoni mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 dwar l-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, il-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni u ta' delega, kif ukoll l-eżerċizzju tad-delega. B'mod konkret dan ifisser li:

— qed jiġu proposti s-setgħat ta' implimentazzjoni għad-determinazzjoni tal-klassijiet tat-tagħmir u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar iż-żona ġeografika għall-użu u dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tat-tagħmir tar-radju;

— qed jiġu proposti s-setgħat ta' delega għall-adattament għall-progress tekniku tal-Anness II li jelenka xi tagħmir li jaqa' jew ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' tagħmir tar-radju; rekwiżiti essenzjali addizzjonali; l-għoti tal-informazzjoni dwar il-konformità tat-tagħmir tar-radju definit mis-softwer; u r-rekwiżit biex it-tagħmir tar-radju jiġi rreġistrat f'ċerti kategoriji.

#### 4. Kummenti ġenerali

4.1 Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni, għax din tagħmel il-leġislazzjoni tal-UE aktar koerenti, b'konformità mal-Artikolu 7 tat-TFUE, billi tagħżel it-teknika leġislattiva tas-"sostituzzjoni" fejn il-leġislazzjoni tiġi riformulata permezz tal-adozzjoni ta' att legali ġdid li jintegra f'test uniku t-tibdil fundamentali u d-dispożizzjonijiet mhux mibdula ta' att preċedenti, peress li l-att il-ġdid jieħu post u jħassar dak ta' qabel, u jadatta t-terminoloġija għal dik tad-Deċizzjoni Nru 768/2008/KE u tat-Trattat ta' Lisbona.

4.2 Il-moviment liberu tal-merkanzija huwa waħda mill-erba' libertajiet fundamentali tat-Trattati u l-Proposta għal Direttiva tħeġġeġ il-moviment liberu ta' merkanzija sigura, billi ssaħħa il-ħarsien tal-konsumaturi u l-kompetittività tan-negozji, u toħloq kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta għall-operaturi ekonomiċi.

4.3 Sabiex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet li għandhom iroddu lura l-kompetittività lill-industrija Ewropea, il-KESE jqis li hu indispensabbli li s-suq intern jiggarantixxi interoperabilità sħiħa, billi titnaqqas il-frammentazzjoni, kemm tas-swieq nazzjonali kif ukoll tal-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni.

4.4 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiġi żviluppata politika proattiva tal-industrija li tirrifletti aħjar il-bilanċ bejn il-kapaċitajiet tal-produtturi, qafas tekniku u regolatorju għad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, u fuq kollox, it-tipi ta' prodotti li jissodisfaw standards, regolamentazzjoni u proċeduri armonizzati komuni.

4.5 L-adozzjoni ta' standards tekniċi u regolatorji għandha sseħħ skont il-prinċipji tal-politika l-ġdida ta' standardizzazzjoni, billi tiggarantixxi l-viżibbiltà u t-trasparenza tal-ħidma, u bis-sehem sħiħ tal-imsieħba soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili organizzata.

#### 5. Kummenti speċifiċi

5.1 Rigward il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, l-Artikolu 1(3) jeskludi sensiela sħiħa ta' tagħmir tar-radju li jintuża esklużivament għas-"sigurtà pubblika", li barra mid-difiża jew is-sigurtà tal-Istat, jinkludi kunċetti oħra bħall-"ġid ekonomiku tal-Istat", li għandhom jiġu definiti jew iċċarati biex id-dispożizzjoni tkun aktar ċara.

5.1.1 Barra minn hekk, minkejja li dan it-tip ta' tagħmir huwa eskluż mill-Artikolu 1(3), xorta waħda ma jidherx fl-Anness I bħala "Tagħmir mhux kopert minn din id-Direttiva".

5.2 Il-KESE huwa favur il-promozzjoni tal-interoperabilità permezz ta' networks ma' tagħmir ieħor tar-radju, kif ukoll tal-konnessjoni ma' interfaċċji tat-tip adegwat madwar l-Unjoni kollha, għax dan jista' jissempjifika l-użu tat-tagħmir tar-radju u jiffaċilita l-interoperabilità bejn it-tagħmir tar-radju u l-aċċessorji.

5.3 Sabiex tittejjeb il-protezzjoni tad-data u l-privatezza tal-utenti, għandha tiġi żviluppata dimensjoni etika u soċjali għall-applikazzjonijiet teknoloġiċi tas-sigurtà sa minn mindu jtfasslu, sabiex jiġi żgurat li jiġu aċċettati soċjalment. Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini għandha tiġi żgurata fil-fażijiet kollha, mit-tfassil sal-istandardizzazzjoni u l-applikazzjoni teknoloġika fil-prattika, billi tiddaħħal sa mill-aktar fażijiet bikrin.

5.4 Għandhom jiġu ċċarati r-rekwiżiti ta' tqegħid fis-suq applikabbli kemm għall-prodotti tal-UE kif ukoll għall-prodotti ta' pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, l-Artikolu 6 għandu jindika s-sitwazzjonijiet li fihom huwa mistenni li jiġu rispettati r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti mid-Direttiva (standards armonizzati Ewropej, standards internazzjonali ppubblikati mill-Kummissjoni) kif ukoll il-każijiet ta' standards nazzjonali addizzjonali.

5.5 Il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li l-prodotti disponibbli fis-suq ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'rabta mal-medda meqjusa, bil-għan li jiġu evitati interferenzi fil-medda ta' 800 MHz kif ukoll "kontaminazzjoni bla bżonn tal-ispettru tar-radju". Rakkomandazzjoni bħal din hija speċjalment bżonjuża fir-reġjuni transkonfinali fejn huwa mixtieq li jiġu armonizzati l-iskedi u t-teknoloġiji li ser jiġu implimentati.

5.6 Il-KESE huwa favur li jingħata aċċess għas-servizzi ta' emerġenza, b'mod speċjali għall-persuni b'diżabilità, u għalhekk it-tagħmir irid jifassal b'mod li jkun kompatibbli mal-funzjonijiet meħtieġa.

5.7 Huwa importanti ħafna li l-operaturi ekonomiċi kollha jkunu responsabbli għall-konformità tal-prodotti, fir-rigward tar-rwol rispettiv tagħhom fil-katina tal-provvista, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-konsumaturi, u fl-istess ħin biex tiġi garantita l-eżistenza ta' kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni.

5.8 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, fl-ambitu tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, jiggwarantixxu li l-prodotti li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jirrispettaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva. Irid jiġi żgurat li l-importaturi li jintroduċu l-prodotti fis-suq jirrispettaw ir-rekwiżiti kollha u ma jdaħħlux prodotti li ma jirrispettawx dawn ir-rekwiżiti jew li jippreżentaw riskji.

5.9 Għandha tiġi żgurata t-traċċabbiltà tat-tagħmir tar-radju fil-katina kollha tal-provvista bħala mezz ta' sorveljanza tas-suq li jiffaċilita d-dritt tal-konsumaturi għall-informazzjoni.

5.10 Il-KESE jtenni<sup>(6)</sup> li s-sistema attwali tal-marka ma tiżgurax li l-prodott ikun għadda minn proċess għall-garanzija tal-kwalità u tas-sigurtà, u dan jiddiżappunta l-istennijiet tal-konsumaturi.

5.11 Rigward is-sistema ta' akkreditazzjoni u ta' valutazzjoni tal-konformità, il-KESE jemmen li għandu jkun hemm l-istess livell ta' kompetenza għall-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità notifikati, kriterji ta' għażla aktar stretti, u proċeduri ta' għażla armonizzati għall-valutazzjoni tal-konformità.

5.12 Barra minn hekk, il-KESE jqis li hemm bżonn li jissaħħu l-kundizzjonijiet ta' indipendenza tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità notifikati, waqt li l-inkompatibbiltajiet li huma stabbiliti fl-Artikolu 26(4) jiġu estiżi għas-sentejn jew tliet snin qabel ma titwetq il-valutazzjoni.

5.13 Il-KESE jinsab imħasseb dwar l-"atti delegati" previsti fil-proposta li, xi drabi, ma fihomx id-dettalji prattiċi meħtieġa, bħalma hu l-każ pereżempju tal-Artikolu 5 dwar ir-reġistrazzjoni tat-tagħmir tar-radju f'xi kategoriji, li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tagħmel identifikazzjoni *ex post* mingħajr ma tispeċifika l-ebda kriterju, li jista' jwassal biex il-marġni ta' diskrezzjoni jkun wiesa' wisq.

5.14 Rigward ir-regoli dwar il-penalitajiet, fil-proposta għandu jiġi preċiżat, fil-livell supranazzjonali, it-tip u l-livell minimu tal-penalitajiet, li għandhom jiġu garantiti mil-leġislazzjoni tal-Istati Membri, peress li l-Proposta għal Direttiva ssemmi biss l-obbligu tal-awtoritajiet nazzjonali li jistabbilixxu r-regoli dwar il-penalitajiet għal din l-imġiba permezz tal-adozzjoni ta' miżuri li jkunu "effettivi, proporzjonati u dissważivi". Dan jista' jwassal biex ċerti operaturi jmorru "forum shopping" għall-ġurisdizzjoni li taqbel l-aktar mal-interessi tagħhom jew li jinkiser il-prinċipju "*ne bis in idem*" f'każ ta' penaltajiet konkorenti.

5.15 Il-KESE jirrakkomanda li jitnaqqas il-perjodu ta' 5 snin stipulat fl-Artikolu 47(2) minħabba d-dinamiżmu tas-settur.

Brussell, 13 ta' Frar 2013.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

<sup>(6)</sup> ĠU C 181, 21.06.2012, p. 105.